**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 79/2017**

**Illum: 20 ta’ Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Hashim Elamir**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Hashim Elamir, iben Essam u Ebtesam nee’ Darbi, mwieled fis-26 ta’ Marzu 1992 Tripoli, Libja u residenti 111 Flat 1, Triq San Gorg, San Giljan, refcom numru 18041:

Akkuzat talli fit-18 ta` Frar 2017 u l-granet ta` qabel, b`diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda, f`dawn il-Gzejjer minn gewwa zewgt ikmamar tal-lukanda St. George`s Park Hotel, Triq Dragonara, San Giljan u/jew fil-vicinanzi (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta):

Ikkometta serq ta television, ghad-dannu ta` Louis Tabone, Noel Arrigo u Cavendish Hotel Ltd u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-‘mezz’ u bil- ‘valur’ (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u

ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu).(Art.261(b),(c),263(a)(b) 264,265,266, 267,269 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat iktar talli fl istess perjodu ta` zmien, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` jisraq television ghad-dannu ta` Louis Tabone, Noel Arrigo u Cavendish Hotel Ltd u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt, ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u liema serq kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-'mezz' u bil-'valur' (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu) ) (Art.42, 261(b),(c),263(a)(b) 264,265,266, 267,269 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u inoltre rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonferma wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 573(1) tal-Kap 9, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet;

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat mill-banda wahda, in-natura tar-reati, li bihom jinsab akkuzat l-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu, mil-liema jirrizulta illi ricentament l-imputat inghata sentenza ta' prigunerija in konnessjoni ma' traffikar ta droga. Ikkunsidrat ukoll illi r-res furtiva ma gietx ritornata.

Qieset mill-banda l-ohra illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri.

## KONKLUZJONI

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 41(1)(a), 49, 261(b), 261(c), 263, 267, 278(1) u (2), 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **tlettax-il xahar prigunerija** effettiva.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat